TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 13/06

* Il- laqgħa Nru 13/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2010 fis-6.15pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Preżenti wkoll is-Sinj. Claudienne Lanzon li ġiet eletta fit-22 ta' Marzu 2010 b'elezzjoni każwali biex timla' l-post battal bir-riżenja ta' Dr. O. Caruana.

**** Is-Sindku ta merħba lis-Sinj. Lanzon u awguralha suċċess fix-xogħol tagħha ta' Kunsilliera fi ħdan dan il-Kunsill Lokali.

Il-membri kollha preżenti flimkien mas-Segr. Eżek. ingħaqdu mal-awguri tas-Sindku.

Is-Sinj. Lanzon attendiet għal-Laqgħa bħala osservatur għaliex għad ma ħadetx il-ġurament ta' Kunsillier.

***** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Riżenja tal-Kunsillier Dr. O. Caruana

**1.1** Is-Sindku qara l-ittra tar-riżenja ta' Dr. O. Caruana minn Kunsillier li ġiet ippreżentata lis-Segr. Eżekuttiv fid-9 ta' Marzu 2010 fid-8.40am (App. 1). Ittra ta' riżenja

**1.2** Is-Segr. Eżekuttiv informa mill-ewwel lid-Direttur Dipt. Gvern Lokali u lill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali bir-riżenja ta' Dr. O. Caruana.

**1.3** Kompla jgħid li s-Sinj. Claudienne Lanzon, preżenti, ippreżentat in-nomina tagħha għall-elezzjoni każwali li saret fit-22 ta' Marzu 2010. Is-Sinj. Lanzon ġiet eletta minflok Dr. O. Caruana (App. 2). Ser tassumi r-responsabiltajiet tagħha bħala Kunsilliera wara li tieħu l-ġurament tal-ħatra. Claudienne Lanzon eletta

## 2.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 12/06 tal-25/02/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**2.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku qal li issa x-xogħol ta' *Major Patching* li kien ordnat madwar sena ilu tlesta. Major Patcing

3.1.1 Kompla jgħid li għad baqa' xogħol ta' *traffic calmers* li ser isiru mill-kuntrattur wara ż-żjara tal-Papa.

**3.2** Dwar is-sistema tal-PV fil-*ground*, is-Sindku qal li din qed topera. Issa tpoġġa wkoll *meter* ġdid mill-Enemalta biex jirreġistra dak li qed jiġi ffrankat permezz tas-sistema. Photovoltaic

**3.3** Dwar il-multa li tnaqqset mill-allokazzjoni minħabba li l-Uffiċċju tal-Kunsill ma nfetaħx darba is-Sibt (qabel ma ġiet fis-seħħ il-Liġi fl-1/11/09), is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-materja tressqet ukoll fil-Parlament. Il-Prim Ministru wieġeb li mhux konxju tagħha imma ser jinvestiga. Penali mid-DGL

**3.4** Dwar it-talba tas-Sindku biex jingħata l-onorarja b'effett mill-1 ta' Novembru 2009, u li s-Segr. Eżekuttiv ġie miżmum mid-Direttur biex jagħmel dan, is-Sindku qal li ser jagħmel l-istess talba lis-Segr. Eżekuttiv permezz ta' ittra legali. Onorarja lis-Sindku

3.4.1 Is-Segr. Eżek. wieġeb li hu responsabbli lejn id-Direttiva tad-Direttur, u l-ittra, meta tasal, ser jgħaddiha lill-istess Direttur.

**3.5** Is-Sindku qal li l-aperturi tal-aluminium fil-latrina issa twaħħlu u l-latrina tista' tinfetaħ. Latrina Pubbika

3.5.1 Qal li ser niltaqgħu mal-Kuntrattur li ġie magħżul permezz tal-offerta pubblika sena ilu biex jiġi ffirmat il-kuntratt.

3.5.2 Is-Sindku rrakkomanda, u l-Kunsill qabel unanimament, biex fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrina ikun hemm preżenti l-kuntrattur. Is-servizz jiswa €8500 inkluż il-VAT u CM Fees.

3.5.3 Il-latrina ser tinfetaħ minn nhar il-Ħamis 25/03/10.

**3.6** Għas-sejħa ta' espressjoni ta' nteress għat-tisbiħ tal-pjazzetta fi Triq Santa Tereża u l-Ġnien fi Triq Santa Marija, is-Sindku qal li ġie sottomess interess wieħed biss u dan ma jirriflettix dak li qed nippjanaw aħna. Tisbih ta' żewġ postijiet

3.6.1 Kompla jgħid li issa ser napplikaw għal skema ta' proġetti maħruġa mill-PPCD. Attendew għal-laqgħa ta' nformazzjoni fi *Project House* s-Sindku flimkien mas-Segr. Eżekuttiv. Proġett mill-PPCD

3.6.2 Din l-iskema ta' fondi jisimha *"Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life" – Cohesion Policy 2007 – 2013* li qed tiġi mnedija wkoll permezz tal-Meusac b'rabta mat-turiżmu.

3.6.3 Is-Sindku ta spjegazzjoni dettaljata dwar dak li qed nippjanaw biex insebbħu ż-żewġ postijiet fuq imsemmija biex nattiraw iżjed turiżmu, insebbħu l-ambjent u nżidu l-ekonomija fir-raħal.

3.6.4 Qal li qabbadna l-Perit tal-Kunsill biex jipprepara l-pjanti u l-istimi biex nippreżentawhom mal-applikazzjoni tagħna wara li l-interess tagħna ġie aċċettat mill-Meusac.

3.6.5 L-għeluq tal-applikazzjoni hu fis-17 t'April 2010. Ix-xogħol biex tinġabar l-informazzjoni hu wieħed estensiv u jirrikjedi ħafna inpenn u spejjeż preliminari mill-Budget tal-Kunsill.

3.6.6 Is-Sindku qal li jekk wara dan ix-xogħol kollu l-applikazzjoni tagħna mhux ser tikkwalifika għall-fondi, ser jibda jattakka politikament.

**3.7** F'dan il-waqt is-Sindku rrefera wkoll li l-applikazzjoni tagħna biex iċ-Ċentru Komunitarju jservi wkoll bħala s-sedja tal-Kumitat Reġjonali, li hu l-President tiegħu, ma ġietx milqugħa għaliex skont Dr. Chris Said, dan il-post hu *garage*, u minflok ġie aċċettat il-post fejn jiltaqa' l-Kumitat tal-LES fiż-Żejtun. Ċentru għall-Kumitat Reġjonali

3.7.1 Is-Sindku rrimarka li miċ-Ċentru ħareġ numru kbir ta' nies, kbar u tfal, li ħadu korsijiet ta' kompjuters, krafts, seminars u oħrajn fosthom l-operat ta' librerija pubblika li għal għexiren ta' snin ma kienetx aċċessibbli għall-pubbliku.

3.7.2 Kompla jgħid li ser jibqa' jinsisti biex is-sedja tal-Kumitat Reġjonali tkun, kif inhu xieraq, f'Ħal Tarxien.

**3.8** Is-Sindku qal li r-*roundabout* li ġiet ordnata wara sejħa għal stimi, issa waslet u ser titwaħħal quddiem il-Falcar. Roundabout

**3.9** Is-Sindku qal li, wara ħafna proposti, il-Greenpak għad ma qassmux il-bins f'postijiet kummerċjali u privati u lanqas bdew il-kampanja edukattiva lill-pubbliku kif kien ġie miftiehem qabel. GreenPak

**3.10** Is-Sindku qal li ġie iffirmat il-kuntratt ma' M. Quip għal xogħol ta' tisbieħ ta' sqaqien u spazji miftuħa. Tisbih ta' Sqaqien

**3.11** Dwar il-mandat ta' sekwestru mill-Avv. Ivan Sammut, is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tal-kumitat talab biex l-ispejjeż tal-Banek u tal-Qorti jassorbihom il-Kumitat Konġunt tal-LES u mhux il-Kunsill Lokali li ma kellu x'jaqsam xejn mal-każ. Mandat ta' sekwestru

**3.12** Is-Sindku qal li waqt laqgħa, iltaqgħa maċ-Chairman tal-MEPA u talbu biex niffirmaw il-kuntratt biex nutilizzaw il-fondi akkumulati UIF. UIF

**3.13** Is-Sindku qal li l-aħħar ħarġa tal-Fuljett ġiet imqassma. Fuljett

**3.14** Dwar l-applikazzjoni tagħna għall-"Skema ta' Finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi Żgħar", is-Sindku qal li għad m'għandniex risposta. Skema ta' restawr

**3.15** Is-Sindku qal li għal darb'oħra bgħatna twissija lill-Kuntrattur tal-Ġonna li għadu jonqos minn dmirijietu u qed iħalli diżastru fil-ġonna. Bins mimlija u ma jbattalhomx, nuqqas ta' fjuri staġjonali, u traskuraġni oħra. Żamma tal-Ġonna

3.15.1 Kompla jgħid li għall-ħruġ tal-offerta pubblika għaż-Żamma u Manutenzjoni tal-Ġonna ġew sottomessi 8 offerti li infetħu llum. Offerta Pubblika

3.15.2 F'laqgħa oħra li jmiss il-Kunsill ser jagħżel l-aħjar offerta.

**3.16** Is-Sindku qal li llum ukoll ftaħna t-tlett offerti sottomessi għall-Polza ta' Assikurazzjoni (App. 3). Polza ta' assikurazzjoni

3.16.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn *Melita Unipol Ins. Agency*.

**3.17** Is-Sindku qal li ser napplikaw ukoll għall-iskema dwar "Kuntratti ġodda dwar *resurfacing* ta' toroq b'sistema ta' *'Public Private Partnership'* (Memo 45/2010). PPP

3.17.1 Kompla jgħid li din l-iskema hi biex isir kisi biss ta' toroq u mhux inkluż servizzi u bankini.

**3.18** Dwar il-fieri internazzjonali li ser issir f'Veliko Turnovo, Bulgarija, is-Sindku qal li qed jipprepara għaliha. Fiera fil-Bulgarija

**3.19** Is-Sindku qal li wara talba lill-ETC sabiex jibgħatu lista' ta' persuni għal xogħol part time fl-Uffiċċju tal-Kunsill, tali lista tammonta għal 108 persuni, ippreżentaw is-CV tagħhom 19-il-kandidat. Madanakollu wara sejħa mill-Kunsill attendew għall-*interview* 6 kandidati biss. Impjieg Part-time

3.19.1 L-aħjar għażla kienet dik tas-Sinj. Carol Mallia minn Ħal Luqa. Ser tintbgħatilha ittra biex tibda tattendi għax-xogħol.

**3.20** Is-Sinj. A. Galea bagħtet ittra ta' ringrazzjament, moqrija mis-Sindku, talli l-Kunsill għaraf jifhem is-sitwazzjoni tagħha u aċċetta t-talba li għamlet biex taħdem *reduced hours*. Reduced Hours

**3.21** Is-Sindku qal li d-DVD edukattiv u ktejjeb mis-*Subculture Animal Friends* ġiet ippreżentata lill-Kunsill u ser titqassam lit-tfal tal-iskola ta' Year 4. DVD edukattiv

**3.22** Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament li, minħabba li l-kuntratt tal-Bulky Refuse u l-kuntratt tal-Perit ser jiskadu fl-aħħar ta' Marzu, dawn iż-żewġ kuntratti jiġu mġedda b'xahrejn kull wieħed sakemm joħorġu l-offerti pubbliċi. Estensjoni ta' żewġ kuntratti

*(Is-Sur L. Bonavia attenda fis-7.15pm filwaqt li skuża ruħu).*

**3.23** Is-Sindku qal li issa s-Segr. Eżekuttivi, b'riżultat tar-riforma, ġew impjegati direttament fis-Settur Pubbliku u huma responsabbli lejn is-Segr. Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Impjieg tas-Segr. Eżekuttivfis-Settur Pubbliku

**3.24** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Mepa infurmatna permezz ta' ittra wara l-laqgħa li kellu s-Segr. Eżekuttiv maċ-Ċhairman, li l-akkwati tan-naħa ta' Sardinja wara Triq il-Fieres u Triq San Tumas, li ġew riferuti mill-MEPA bħala *"Rezoning of White Area in Il-Qalgħa"*, issa ġie stabbilit fejn għandu jsir żvilupp suġġetti għall-kundizzjonijiet u permessi maħruġa mill-MEPA. South Malta Local Plan

**3.25** Is-Sindku qara deċiżjoni meħuda mill-AKL dwar kwistjoni tal-ħlasijiet pendenti mill-MEPA dovuti lill-Kumitati Konġunti tal-Infurzar Lokali. L-AKL u l-MEPA

**3.26** Is-Sindku rrimarka lid-Dipartiment tal-Librerija qed jieħu deċiżjonijiet mingħajr ma jikkonsulta magħna fejn jidħol l-interess tal-librerija tagħna. Dipt. tal-Librerija

3.26.1 Kompla jgħid li l-librara ġiet mitluba tattendi għal sezzjoni ta' nformazzjoni biex jinbeda l-proċess biex il-kotba jiġu '*online*'.

3.26.2 F'din il-laqgħa il-librara ingħatat ittra biex inkunu nisgħu nordnaw kotba li għalihom ser iħallas id-Dipt. tal-Libreriji li jammonta għal €700 f'kotba.

3.26.3 Is-Sindku qal li għalkemm dan hu pożittiv madankollu kollox qed isir minn wara dahar il-Kunsill u qed inkunu nafu wara li l-affarijiet ikunu saru. Ser nitolbu laqgħa mal-Uffiċjal responsabbli.

**3.27** Is-Sindku qal li l-ETC wieġbu għall-ittra tagħna dwar l-iskema ta' xogħol fil-komunita u jassiguraw li fil-ġimgħat li ġejjin ser jilqgħu t-talba tagħna. Skema mill-ETC

**3.28** Dwar il-każ tal-lanterna maqlugħa b'abbuż minn ma' residenza fi Triq il-Pellikani, is-Sindku qal li biex ma jkunx hemm iżjed inkonvenjenzi għar-residenti, erġajna waħħalna waħda ġdida bi spiża ta' €263.14, filwaqt li ser niktbu ittra legali lill-persuna li għamlet dan l-abbuż biex jirrifondi l-ispejjeż lill-Kunsill. Qlugħ ta' Lanterna minn Triq il-Pellikani

**3.29** Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel nem. con. sabiex inkunu membri fil-ECAD (kontra l-abbuż tad-droga) b' miżata ta' €200 fis-sena. Membri fl-ECAD

**3.30** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-kwistjoni li l-AKL għandha mal-WSC li mhux qed jirrifondu l-flus dovuti lill-Kunsill Lokali skont il-kuntratt iffirmat bejn il-WSC u l-Kunsill konċernat. l-AKL u l-WSC

3.30.1 L-AKL ħarġet direttiva biex ma jingħatawx permessi sabiex isir xogħol fil-lokalita' mill-WSC. Sabiex joħroġ il-permess il-WSC trid tħallas kif inhu kemm stipulat bir-regolamenti jridu jħallsu €100 għal kull servizz.

**3.31** Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex jikkuntattjaw lis-Segr. Eżekuttiv min hu nteressat li jattendi għall-kors *"E Councils"* mit-TCTC. E Councils

## *4.0 Affarijiet Finanzjarji*

**4.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€20,098.22 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '4').

**4.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-

Segr. Eżek. € 22.40

## *5.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

**5.1** Il-Viċi Sindku s-Sur F. Agius qal li ser jagħmel il-kompetizzjoni tal-figolli fl-Għid il-Kbir.

Qal ukoll li qed jipprepara biex għal Jum Ħal Tarxien jorganizza wirja ta' artigjanat, konkors letterarju, u lejla poetika.

**Rapport mill-Kunsillier L. Bonavia**

**5.2** Dwar il-lista ta' azjendi kummerċjali s-Sur L. Bonavia qal li tkellem ma' Dr. J. Azzopardi, Segr. Parlamentari u qal li ser jara x'jista' jagħmel min-naħa tal-Gvern.

**Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

**5.3** Is-Sur K. Darmanin assuma r-responsabiltajiet tas-Sotto Kumitat "Żamma tal-Ordni Pubbliku", li kellu l-ex Kunsillier Dr. O. Caruana, li ġew mgħoddija lilu mis-Sindku.

Qal li attenda għall-Parlament taż-Żgħażagħ.

Għamel laqgħa fid-Dar tal-kejka bit-Tema' "*Gambling*" li għaliha l-attendenza kienet waħda fqira.

Fid-9 t' April li ġej ser jagħmel Seminar dwar l-Okkult u s-Sataniżmu.

**Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

5.4 Il-Kunsill approva nem. con. li Gracie Scerri tkun membru fis-Sotto Kumitat dwar "l-Immaniġġjar tat-Traffiku u Servizzi".

Is-Sur I. Dalli qal li ser jiltaqa' biex isir Fuljett ta' Nformazzjoni dwar l-għażla ta' l-iskart.

Qal ukoll li qed jidentifika iżjed postijiet fejn jitpoġġew kontenituri għal skart magħżul.

**Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

5.5 Is-Sinj. D. Vella qalet li ser torganizza Seminar fit-8 t'April fiċ-Ċentru Komunitarju. Il-Kunsill ser jipprovdi luminata u xi sandwiches.

**Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

5.6 Is-Sindku ta rendikont ta' l-aħħar ħarġa tas-Sotto Kumitat Anzjani.

## 6.0 Ħwejjeġ Oħra

6.1 Is-Sindku ta nformazzjoni dwar l-involviment tal-Kunsill fil-*pageant* li ser isir mill-Għaqda Kulturali u armar tal-festa M'Annunzjata. Pageant

6.2 Qal li ġejna mitluba nħallsu €1200 għall-preżenza tal-Pulizija. Il-Kunsill qabel nem. con. li f'dan ir-rigward ma jistax jgħin, imma hu fid-dmir tal-Kunsill li tinżamm l-indafa fir-raħal. Għaldaqstant ser ipoġġi *mobile toilets*, kontenituri għall-iskart, u tindif tat-toroq wara l-attivita'.

6.3 Is-Sindku qal ukoll li sirna nafu li l-Għaqda talbet biex toħroġ hi l-permessi biex jintramaw gabbani. Dan ma aċċettajniehx u nsistejna li l-Kunsill joħroġ il-permessi hu skont il-Liġi.

6.4 Identifikajna 6 postijiet għall-gabbani madwar Ġnien Ovindoli fil-parkeġġ kif ukol 6 postijiet oħra faċċata għal min jarma bit-tilari.

## 7.0 Għeluq tal-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8.15pm.

7.2 Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 28 ta' April 2009 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
28/4/10

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**